

## Informazzjoni dwar il-kawża

Trade mark ikkonċernata:	Trade mark figurattiva li tirrappreżenta faxxa angolata b'linji bit-tikek għal prodotti fil-klassijiet 10 u 25 (reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Komunità Ewropea Nru W00881226)
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Protezzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Deichmann SE hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) tat-13 ta' April 2011 —  
Alder Capital vs UASI — Gimv Nederland (ALDER CAPITAL)**

**(Kawża T-209/09)**

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali ALDER CAPITAL — Trade marks verbali preċedenti tal-Benelux Halder u Halder Investments — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti Halder — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 15 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009)”

1. *Trade mark Komunitarja — Proċedura għat-tressi q ta' kawża — Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni meħuda minn dipartiment tal-Uffiċċju — Eżami mill-Bord tal-Appell — Portata — Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni li laqgħet oppożizzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 62(1)) (ara l-punti 20-22)*
  
  
  
2. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Eżami tat-talba — Prova tal-użu mit-trade mark preċedenti — Użu ġenwin — Kunċett — Kriterji ta' evalwazzjoni — Isem tal-kumpannija, isem kummerċjali jew sinjal (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 43(2) u (3)) (ara l-punti 44-48)*
  
  
  
3. *Trade mark Komunitarja — Ċessjoni, revoka u invalidità — Raġunijiet relativi ta' invalidità — Eżistenza ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irregistratora għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b) u 52(1)(a)) (ara l-punti 80, 81, 93)*

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' Frar 2009 (Każ R 486/2008-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Halder Holdings BV u Alder Capital Ltd.

## Informazzjoni dwar il-kawża

Trade mark Komunitarja rregistratora li hija s-suġġett ta' applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade mark verbali ALDER CAPITAL għal servizzi fil-klassi 36
Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:	Alder Capital Ltd

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:	Gimv Nederland BV
Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:	Trade marks verbali Halder u Halder Investments irreġistrati fil-Benelux għal servizzi fil-klassijiet 35 u 36; reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark verbali Halder għal servizzi fil-klassijiet 35 u 36; ismijiet talk-kumpannji u kummerċjali mhux irreġistrati Halder, Halder Holdings, Halder Investments u Halder Interest użati fin-negozju
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:	Trade mark Komunitarja ddikjarata invalida
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
  
  
  
  
  
  
  
  
  
- 2) Alder Capital Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbi indikati minn Gimv Nederland BV għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suqx Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).